MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 880/1994/1

**Victor u Josephine *sive* Josette Mangion**

**Vs**

**Raphael u Jennifer konjugi Aquilina**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Gunju 1994 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fil-11 ta' Mejju 1990 (atti Nutar Henry Vassallo) (Dok. A) l-atturi akkwistaw porzjoni art maghrufa bhala Tas-Siek sive tal-Kappara fil-limiti parrokjali ta' San Giljan. Din il-proprjeta` hija immarkata numru 7 fuq pjanta markata bhala Dok. D annessa ma' kuntratt fl-atti tan-

Nutar Joseph H. Sciriha tas-6 ta' Frar 1989 (Dok. B1 sa B14);

Premess illi l-konvenuti huma proprjetarji ta' proprjeta` attigwa u cjoe tal-plot numru 8 ta' l-istess art;

Premess illi qamet problema fuq il-konfini bejn iz-zewg proprjetajiet u inoltre l-konvenuti okkupaw parti mill-proprjeta` spettanti lill-atturi u l-konvenuti interpellati sabiex jaslu fi ftehim bonarju baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tistabbilixxi l-konfini bejn l-imsemmija proprjeta` tal-kontendenti permezz ta' posti u sinjali permanenti u dan jekk hemm bzonn b' opra ta' periti nominandi;

2. Tistabbilixxi u tiddetermina dik il-parti tal-proprjeta` li giet illegalment okkupata mill-konvenuti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li lilhom prefiss jizgumbraw minn din il-parti tal-proprjeta` ta' l-atturi li okkupaw abusivament u fin-nuqqas tawtorizza li jizgombra lill-konvenuti mill-istess u li jnehhi kull forma ta' xkiel u ingombru fuq l-istess proprjeta` ta' l-attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti, ipprezentata fil-21 ta' Ottubru 1994 li permezz taghha huma eccepew:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma bnewx fuq l-art ta' l-atturi izda biss fuq il-proprjeta` taghhom;

Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz, jekk l-atturi ghandhom art inqas milli xtraw, huma ghandhom dritt ta' rivalsa kontra minghand min xtrawha u mhux minghand eccipjenti li xtraw l-art taghhom qabel l-atturi u minghand l-istess vendituri taghhom;

Illi bla pregudizzju u fi kwalunkwe kaz it-tielet talba attrici hija dejjem insostenibbli ghaliex l-eccipjenti kienu dejjem *in buona fede* u kwindi semmai huwa applikabbli l-Artikolu 471 tal-Kodici Civili;

B' rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Marzu 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku AIC David Pace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz; kif ukoll id-digriet tad-9 ta' Gunju 1995 li bih gie nominat AIC Edgar Rossignaud bhala espert tekniku in sostituzzjoni ta' dak precedenti;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Marzu 1996 li permezz tieghu gie nominat is-Surveyor Randolph Camilleri biex jaghmel u jipprepara survey ta' l-area meritu tal-kawza;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert nominat AIC Edgar Rossignaud li tinsab a fol. 201 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2003; kif ukoll is-*survey sheet* ippreparata mis-Surveyor Randolph Camilleri;

Rat ir-risposti bil-miktub ipprezentati fil-25 ta' Gunju 2004 mill-istess espert tekniku ghad-domandi tal-konvenuti;

Semghet lill-istess Perit Edgar Rossignaud jixhed in eskussjoni waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2004;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenuti fil-15 ta' Frar, 2005; kif ukoll dik ta' l-atturi pprezentata fit-18 ta' Frar 2005;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Mill-kontenut ta' l-ewwel talba ta' l-atturi huwa bil-wisq evidenti illi l-azzjoni prezenti tikkonsisti fl-ewwel lok fid-delimitazzjoni tal-konfini tal-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti. Si tratta ghalhekk ta' l-azzjoni "*finium regundorum*" u allura legittimati biex jippropunha jew jiddefenduha, huma l-proprjetarji tal-fondi konfinanti;

Jinghad a propozitu illi "din hi azzjoni li tista' tigi tentata b' success fil-kazijiet li hemm xi dubju dwar il-konfini bejn proprjeta` u ohra". Ara decizjoni fl-ismijiet "**Albert Mizzi *nomine* -vs- Rita Azzopardi *et***", Appell, 27 ta' Marzu 1996. Minn dan jitnissel illi f' din l-azzjoni reali u petitorja ma humiex id-drittijiet rispettivi tal-proprjeta` li jitqeghdu in diskussjoni imma l-iskop ta' l-azzjoni hu dak li jtendi unikament biex tigi eliminata l-incertezza dwar id-demarkazzjoni bejn iz-zewg fondi, u b' hekk is-sitwazzjoni ta' fatt tigi adegwata ghal dik ta' dritt;

Tajjeb li jigi precizat illi tali azzjoni ma titlefx in-natura rikonjittiva taghha lanqas fil-kaz li l-eliminazzjoni ta' l-incertezza ggib maghha l-obbligu tar-rilaxx ta' dik il-porzjoni indebitament posseduta. Ghalhekk talba f' dan is-sens, kif hekk del resto inhu l-kaz hawnhekk mill-kontenut tat-tielet talba, hi proponibbli in kwantu hi l-konsegwenza ta' l-istanza tar-regolamentazzjoni tal-konfini;

Ghandu jigi osservat ukoll illi tali azzjoni tiddistingwi ruhha minn dik ta' rivendika in kwantu mentri din ta' l-ahhar tippresupponi kontestazzjoni dwar it-titolu tal-proprjeta`, l-azzjoni tar-regolament tal-konfini tirrizolvi l-litigju bl-accertament ta' l-estensjoni tal-proprjeta`;

Mill-istess natura ta' azzjoni bhal din, iz-zewg kontendenti huma bla dubju gravati bil-prova li jiddemostraw l-estensjoni tal-fond rispettiv taghhom. Hawnhekk ma japplikax il-principju "*actore non probante, reus absolvitur*" in kwantu stante il-karattru "*vindicatio duplex incertae partis*", il-konfini jrid jigi determinat in relazzjoni ghal dawk l-elementi probatorji li jkunu jidhru attendibbli. M' hemmx dubju li dawn l-elementi jistghu jigu suppliti b' kull mezz ta' kull speci maghruf mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. B' dana kollu f' kazijiet ta' din in-natura hemm certi elementi li jistghu jitqiesu decizivi. Hekk, per ezempju, wiehed ma jistax jipprexxindi ruhu mill-ezami tat-titolu ta' akkwist tal-proprjetajiet rispettivi in kwantu dawn certament jikkostitwixxu l-bazi prevalenti ghar-rizoluzzjoni ta' l-incertezza. Trattandosi, imbaghad, minn porzjonijiet ta' art wahda organika, jaghmel prova attendibbli l-kejl rizultanti mill-istess attijiet ta' akkwist u mill-pjanti. Dan ghaliex tali kejl huwa evidentement idoneu ghall-individwar b' certa ezattezza tal-linja ta' qasma bejn iz-zewg proprjetajiet linitrofi;

Jinghad ukoll illi "hu *jus receptum* illi, f' kazi simili, minn zmien id-dritt Ruman, huwa prova konkludenti anke is-sinjali, ossija *marche di confine*. Anzi, proprjament, meta dan is-sinjal ta' delimitazzjoni jkun ovvju, lanqas kienet tigi ammessa l-azzjoni ta' regolament ta' konfini ladarba, b' dak is-sinjal, dawk il-konfini jkunu certi" – "**Ganni Gauci *et* –vs- Nobbli Dr. Victor Testaferrata Bonici *et***", Appell Civili, 5 ta' Novembru 1954;

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet dwar l-aspetti legali tax-xorta ta' azzjoni esperita, kif mistenni, kien logiku li din il-Qorti tghaddi ghan-nomina ta' persuna,

teknikalment kwalifikata, biex jassistiha, essendo l-meritu ta’ natura prettament teknika, koinvolgenti, oltre l-interpretazzjoni tal-kuntratti, pjanti u *surveys*, investigazzjoni *in situ* u kalkoli matematici, ilkoll konducenti biex minnhom tigi stabbilita l-linja medjana bejn il-proprjetajiet rispettivi;

Fil-kaz in ezami jidher mir-relazzjoni peritali (fol. 201) li l-perit tekniku mahtur kien sodisfatt li seta’ jasal ghal konkluzjoni tieghu fuq l-atti akkwiziti biex jipprovdi dik il-prova teknika li, kif jinghad fl-Artikolu 644, Kapitolu 12, il-Qorti xtaqet permezz tieghu. Effettivament, huwa stess jiddikjara proprju fl-introduzzjoni ghall-istess relazzjoni, illi l-ezercizzju li ghamel kien bazat fuq ezami tas-*survey* preparat mis-*surveyor* Randolph Camilleri u l-kuntratti ta’ akkwist da parti tal-kontendenti;

In succint, il-fehma tal-perit tekniku, kif temergi mir-relazzjoni, u aktar tard ukoll mill-eskussjoni, tista’ tigi hekk ri-epilogata:-

(1) Mill-qisien materjali taz-zewg fondi rrizultalu divergenzi bejn il-kejl dikjarat fir-rispettivi kuntratti ta’ akkwist ma’ dak determinat *in situ* mis-*survey*;

(2) Irrizultalu wkoll li kien hemm spostament fil-linji divizorji bejn plots 1 sa 6 meta mqabbla mal-pjanta tal-kuntratti ta’ plot 7 ta’ l-attur u plot 8 tal-konvenut. Tali spostament kien ta’ madwar tnejn punt tlieta metri (2.3m) lejn il-majjistral;

(3) Dan l-ispostament ma kienx rifless fil-pjanti tal-kuntratti li bihom xtraw il-kontendenti, bil-konsegwenza li meta l-konvenut gie biex jizviluppa l-plot tieghu il-qasma bejn plots 7 u 8 saret ghab-bazi tal-qasma ta’ plots 3 u 4 kif gie stabbilit mill-fatt u mhux kif kienu fiz-zmien tal-kuntratt. In-nuqqas ta’ korrezzjoni tal-pjanta tal-kuntratt gab zvijjar fit-tfassil tal-plots in diskussjoni u konsegwentement il-qasma bejn plots 7 u 8 giet imressqa b’ xi 2.3 metri ghad-dannu tas-sid ta’ plot 7;

(4) L-istess perit tekniku ma naqasx milli jirrileva illi fi kwestjonijiet ta’ qisien ta’ art ser ikollok diskrepanzi matematici, dovuti l-aktar ghall-fatt illi l-pjanta, bhal f’ dan il-kaz, ma tkunx maghmula b’ *survey* serju izda minn ingrandiment ta’ *survey sheets*. Fattur iehor li kien influwenti fuq l-area tal-plots kienet l-ispostament tat-triq;

(5) Ciononostante, ghal perit relatur, kif jinghad minnu b’ risposta ghall-ahhar domanda posta lilu in eskussjoni (fol. 221), il-fatturi principali li wasluh fil-konkluzjoni li wasal fiha kienu r-relazzjoni tad-divizorji bejn il-plots, u tal-plots kollha fil-vicinanzi, kif ukoll il-qisien indikati fuq il-pjanti annessi mal-kuntratti. Fi kliem iehor, dejjem skond l-opinjoni tal-perit, fuq il-bazi tas-*survey* tieghu, gjaladarba retropost ghall-plots in ezami kien hemm plots differenti fuq wara li ma baqghux dawk originarjament ippjantati ghal dik li kienet il-linja ta’ demarkazzjoni, il-linja tal-plots *de qua* segwiet dik il-linja hekk spostata;

(6) Mill-premessi konsiderazzjonijiet il-perit tekniku wasal ghal konkluzjoni li l-konvenut invada u okkupa tnejn punt tlieta metri (2.3m) mill-art ta’ l-attur;

Naturalment il-konvenut ma jabbraccjax din l-opinjoni teknika, u anzi jkompli jiddefendi ruhu u jinsisti illi huwa ma okkupa ebda parti mill-art ta’ l-attur;

Issa hu minnu illi kif pacifikament assodat f’ bosta decizjonijiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikolu 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhix marbuta li taccetta dawn il-konkluzzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie deciz, izda, illi “**dan ma jfisserx pero` illi l-Qorti tista’ taghmlu b’ mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b’ ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta’ l-aspett tekniku tal-materja taht**

**ezami**" ("**Philip Grima –vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998). "**Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg, mil-lat tekniku.**" ("**Anthony Cauchi -vs- Carmel *sive* Charles Mercieca**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999; "**John Saliba –vs- Joseph Farrugia**", Appell, 28 ta' Jannar 2000 u "**Joseph Calleja *nomine* –vs- John Mifsud**", Appell, 19 ta' Novembru 2001);

Gja f' sentenza anterjuri qabel dawn kien inghad illi "**l-*giudizio dell' arte* espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli**" – "**Giswarda Bugeja *et* –vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967;

Fil-kaz taghna l-konvenut, ghalkemm assidwament sostna li r-rizultanzi peritali kienu nsodisfacenti, ma talabx ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti difficilment issib raguni biex ma tfassalx il-gudizzju taghha fuq il-bazi tal-prova teknika lilha sottomessa. Taghmel taghha din ir-riflessjoni estratta mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet "**Benjamin Camilleri *nomine* –vs- Charles Debattista *nomine et***", 9 ta' Frar, 2001, li, incidentalment kienet ukoll tirrigwarda oltrepassar tal-linja medjana bil-konsegwenti invazjoni ta' proprjeta`:-

"**F' kawza ta' din ix-xorta mhux insolitu li jibqghu domandi bla risposta u incertezzi dwar metodu u kalkoli li jkunu saru fuq kriterji li mhux necessarjament ikunu universalment accettati mill-kontendenti. Fl-ahhar mill-ahhar pero' kienet il-fehma tat-teknici illi f' materja ta' din ix-xorta kellha tiggwida**

**l-Qorti. *Multo magis* fejn il-fehma taghhom tkun wahda unanima u sostnuta b' mod konvincenti, anke taht it-tirocinju ta' eskussjoni serrata, kif jidher li kien il-kaz taht ezami. F'cirkostanzi bhal dawn ikun prezuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghall-konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati.**";

Din il-Qorti oltre li tadotta r-relazzjoni peritali tikkondividi pjenament il-fehma fis-silta citata. Tghaddi ghalhekk il-quddiem biex tikkonsidra t-tielet talba ta' l-atturi fejn qeghdin jippretendu r-reintergazzjoni ta' dak il-parti ta' l-art taghhom uzurpata mill-konvenuti;

Kontra din il-pretiza l-konvenuti jiddefendu ruhhom billi jirrikorru, fit-tielet eccezzjoni taghhom, ghad-dispost ta' l-Artikolu 571 tal-Kodici Civili fejn hemm kontemplat l-akkwist ta' proprjeta` immobiljari bil-jedd ta' accessjoni versu kumpens xieraq biex jaghmel tajjeb ghal tali akkwist *ope legis*. Sta ghall-konvenut li jipprova b' mod konvincenti d-dispost ta' dan l-artikolu li huwa qed jinvkoka. Ara "**Joseph Mercieca –vs- Mario Mercieca**", Appell, 28 ta' Jannar 2000;

Kif stabbilit fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Schembri –vs- Kenneth Killian *et***", Appell, 1 ta' Gunju 1993, l-elementi ghall-applikazzjoni tal-precitat artikolu huma dawn:-

"(i) illi tkun giet okkupata porzjoni tal-fond kontigwu (u mhux l-fond kollu);

(ii) illi dak ikun sar *in buona fede*;

(iii) illi l-kostruzzjoni tkun giet maghmula bi xjenza u minghajr opposizzjoni tal-vicin."

Ghall-iskop ta’ l-imsemmi artikolu l-*buona fede* rilevanti tikkonsisti f’ dak il-konvinciment ragonevoli tal-kostruttur li hu qed jibni fuq art proprja tieghu u li ma kien qed jikkommetti ebda uzurpazzjoni. Dan l-istat soggettiv irid jezisti mill-bidu sat-tmiem tal-bini. Barra minn hekk din il-*buona fede* ma tistax tkun prezunta izda trid tigi demostrata, fil-fattispeci partikolari tal-kaz, mill-kostruttur jekk irid jikkonsegwixxi favur tieghu t-trasferiment tal-proprjeta` ta’ l-art okkupata bil-bini. Dan ghaliex, kif dottrinalment indikat, dan l-artikolu tal-ligi huwa limitazzjoni ghall-principju generali ta’ l-accessjoni “*superficies solo cedit*”;

Biex tigi rizoluta din il-kwestjoni u b’ hekk jigi stabbilit jekk jikkonkorrux ic-cirkostanzi kontemplati f’ dik id-disposizzjoni , hemm bzonn li wiehed jirrikorri ghall-ezami tal-provi, Minn dawn il-provi, ghal fini ta’ din il-materja, jistghu jigu misluta s-segwenti:-

(1) Skond il-konvenut huwa beda jizviluppa l-plot tieghu f’ Mejju 1990 fuq il-posti lilu moghtija mill-perit Joe Ellul Vincenti li kien l-arkitett inkarigat mis-Sorijiet tal-Klarissi, sidien ta’ l-art, biex iqassamha fi plots. Huwa jghid li x-xoghol ta’ kostruzzjoni ntemm f’ Ottubru ta’ l-istess sena ghalkemm il-“*finishing touches*” gew kompletati fis-sajf ta’ l-1992. Li x-xoghol tal-binja gie terminat fl-1990 huwa konfermat mill-perit tieghu AIC Joseph Cuschieri (fol. 169) u mill-bennej Victor Caruana (fol. 174);

(2) Proprju dan l-ahhar xhud jiddikjara li meta kienu qed jibnu d-divizorju bejn plots 7 u 8 zammew mal-posti li kien hemm, u cjoe fil-parti ta’ quddiem mat-ticpisa taz-zebgha fuq blata b’ musmar fiha, u fil-parti ta’ wara segwew it-ticpisa f’ forma ta’ salib biz-zebgha hamra fuq il-hajt;

(3) L-attur, li xtara l-porzjoni tieghu (plot 7) fil-11 ta’ Mejju 1990, jghid li ma kien hemm ebda sinjali li jindika

d-divizorju bejn il-plots, osserva li l-plot 8 kienet qed tigi zviluppata pero` ma tax kaz wisq. Kien biss fl-ahhar tas-sena 1991 u l-bidu ta' l-1992 li dahallu suspett pero` riferibilment dwar il-hajt li jaqsam il-plot tieghu minn plot 1. Kien is-*surveyor* inkarigat minnu li attiralu l-attenzjoni li ta' plot 8 kien invadielu l-plot tieghu bi tliet metri. Rinfaccjat mill-attur, il-konvenut baqa' jsostni illi skond is-*surveyor* habib tieghu huwa kien mexa mal-linja li kien itraccjalu l-Perit Ellul Vincenti;

(4) Kien biss permezz ta' ittra datata 23 ta' Marzu 1994 mibghuta mill-Avukat tieghu li l-attur ressaq ufficcjalment il-lanjanza tieghu fil-konfront tal-konvenut;

Minn dan kollu huwa desumibbli li l-attur attira l-attenzjoni tal-konvenut zmien wara li kien gja tlesta l-bini. Veru li f' xi zmien gibed l-attenzjoni tal-konvenut, pero` dan ma jfisserx dik l-opposizzjoni li trid il-ligi fil-precitat artikolu 571. Dan anke ghaliex il-konvenut ma setax isib ruhu mpedut gjaladarba l-kostruzzjoni kienet gja ilha lesta. Kif jghid il-Pacifici-Mazzoni, ["Beni" para. 2 (13)] "*l' obbligazione deve essere fatta prima che la costruzione sia terminata*". (Ara wkoll fuq dan il-punt decizjoni a **Vol. XXXVII P II p 678**);

Lanqas ma jista' jinghad illi l-konvenut ma kienx *in buona fede*. Dan mhux tant ghar-raguni tal-mankata opposizzjoni tempestiva ta' l-atturi, imma ghal fatt li hu segwa l-linja ta' demarkazzjoni lilu ndikata mill-perit li pplottja l-art. Element dan li ragjonevolment juri li l-konvenut kien indott jahseb li hu qed jikkostruwixxi fuq l-art proprja. Dan johrog ukoll mill-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit relatur, senjatament li l-qasma materjali bejn iz-zewg plots saret a bazi tal-plots 3 u 4 wara l-ispostament. In effetti, l-istess perit tekniku jeskludi li c-caqliq li sar bejn plots 7 u 8 sar b' ingann, ossija li l-konvenut kien *in mala fede*;

Fil-kaz konsidrat, fil-hsieb ta' din il-Qorti, tissussisti din il-bona fede fil-konvenut. Dan il-Qorti tirrikavah mic-cirkostanzi ta' fatt adegwatament motivati kemm mill-provi

kif ukoll mir-relazzjoni peritali. Issib ghalhekk li jikkonkorru f' dan il-kaz l-aspetti determinanti ghall-applikabilita` ta' l-Artikolu 571 tal-Kodici Civili;

Mill-atti ma jirrizultax illi l-korrispettiv ghal din l-accessjoni gie stabbilit mill-perit tekniku u ghalhekk din il-Qorti jkollha tirrimetti l-atti lill-perit tekniku biex dan jiddetermina dak l-indennizz li l-konvenut hu tenut ihallas lill-attur "ghal valur tal-wicc ta' l-art okkupata" *in buona fede* u biex "jaghmel tajjeb kull hsara li tkun saret". Dan konformement ghal dak mahsub fl-istess Artikolu 571. Fl-istess waqt taghti l-opportunita` lill-kontendenti biex possibilment jilhqu ftehim fir-rigward barra mill-Qorti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fir-rigward ta' l-ewwel zewg talbiet, u bl-adozzjoni tar-relazzjoni peritali, tiddikjara li l-porzjoni ta' art (plot 7) appartenenti lill-atturi giet invaza bil-bini erett mill-konvenuti bi tnejn punt tlieta metri (2.3m). Tichad it-tielet talba attrici billi, bl-akkoljiment tat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, issib li l-invazjoni li hekk saret kienet *in buona fede* u allura ssostni, b' applikabilita`, id-dispost ta' l-Artikolu 571 tal-Kodici Civili. Fic-cirkostanzi din il-Qorti qed tirrimetti l-atti tal-kawza lura lill-perit tekniku, AIC Edgar Rossignaud, biex dan jistabbilixxi a spejjez provizorji ta' l-atturi, il-korrispettiv li l-konvenuti huma tenuti jhallsu lill-atturi bhala valur ta' l-att okkupata u f' likwidazzjoni ghall-hsara kagjonata, ammenokke zmien hmistax mil-lum il-kontendenti ma jinformawx b' nota konguntiva lil din il-Qorti illi huma lahqu ftehim bonarju fir-rigward. Ghal kull buon fini, tenut qies tal-fatt ta' l-eccezzjonalita` ta' l-Artikolu 571 invokat mill-konvenut, l-ispejjez gudizzjari s' issa nkorsi jitbatew mill-istess konvenuti.

Il-kawza qed tigi differita ghall-iskop imsemmi ghas-27 ta' April, 2005.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------